MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 980/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**

**Vs**

**Consiglio Livori**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Consiglio sive Siglio Livori, ta' 30 sena, bin Emanuel u Rita nee' Cremona imwieled Pieta' fl-1 ta' Ottubru 1974, residenti 'Josilmicmar', Triq Alfredo Cachia Zammit, Zejtun, u detentur tal-Karta' ta' l-Identita' bin-numru 519774 (M);

Talli nhar l-24 ta' Gunju 2003, ghall-habta ta' l-10.30pm, fis-Siggiewi, ikkommetta serq ta' *mobile phone* tal-ghamla

Nokia, liema serq huwa kkalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Mark Deguara.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement b’kull mod li jkun, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg (il-*mobile phone* hawn fuq imsemmi) misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom.

U aktar talli kiser il-providimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta (illum Artikolu 22 tal-Kapitolu 446) ta’ sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fl-14 ta’ Mejju 2003, b’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur.

U aktar talli sar recidiv *ai termini* tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat lill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2004 irtirat it-tiena u r-raba’ akkuzi.

Rat illi l-imputat fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2004, ammetta ghall-ewwel u t-tielet akkuzi fl-istadju tal-ezami, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti tatu zmien xieraq bil-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Rat l-Artikoli 261, 270, 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputat, issib lill-istess Consiglio Livori, hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi u tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ 3 xhur sospizi ghal sena *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------